XEWKIJA

*MINUTI*
*KUNSILL LOKALI XEWKIJA*
*LAQGĦA NRU 391*
*IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 19*
*Il-Ġimgħa 27 ta' Marzu, 2009*

*Il-Membri tal-Kunsill tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fit-2.45pm.*

*Preżenti:* *Dr. Monica Vella - Sindku*
*Mr. Joseph Vella - Viċi Sindku*
*Mr. Teddy Mizzi*
*Mr Hubert Saliba*

*Skużata:* *Dr. Marthese Portelli*

*Uffiċjali:* *Mr. Ruben Cassar*

*Intqalet it-talba.*

*Is-Sindku talbet sabiex il-Minuti tal-Laqgħat Numri 388, 389 u 390 jiġu approvati fil-laqgħa li jmiss. Il-Kunsill qabel dwar dan.*

**1. Laqgħa dwar il-'Local Enforcement System (LES)'**

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar laqgħa li hija attendiet nhar il-Ħamis 19 ta' Frar 2009. Għal din il-laqgħa kien hemm preżenti l-Onor. Dr Chris Said, Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Pubbliku u Informazzjoni u anke rappreżentanti tad-Datatrak. Il-laqgħa kienet tittratta dwar is-sistema tal-'Local Enforcement System' partikolarment dwar il-proċess li se jintuża biex jinġabru l-flus ta' ċitazzjonijiet pendenti. Is-sistema preżenti ser isirulha modifikazzjonijiet biex tkun aktar effiċċjenti. Ser jittieħdu passi wkoll dwar 'bad debts'. Is-Sindku preżentat fuq il-mejda tal-Kunsill dokumenti li kienu mqassma fl-istess laqgħa.

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li l-Kumitat Konġunt dwar LES iltaqa' nhar ukoll nhar il-Ġimgħa 20 ta' Marzu 2009 fejn kien hemm ukoll rappreżentanta tad-Datatrak. Matul l-istess laqgħa ġie ppreżentat rendikont ta' multi pendenti ta' Għawdex mqassmin kemm qabel il-'pooling' u anke wara. Saret draft ta' ittra legali biex tintbgħat lil dawk li jkollhom il-multa tagħhom għadha pendenti. Is-Sindku preżentat fuq il-mejda tal-Kunsill dokumenti li kienu mqassma fl-istess laqgħa.

**2. Il-Kunsill approva li jsiru l-ħlasijiet kif imniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nr. 6-12**

**3. Laqgħa mas-Supretendent tal-Pulizija**

F'dan il-ħin daħlu fl-uffiċċju tal-Kunsill is-Supretendent tal-Pulizija s-Sur Simon Galea, li għadu kif ġie stazzjonat f'Għawdex, u anke l-Ispettur is-Sur Frank Tabone. Is-Sindku stiednet

lis-Supretendent biex jiltaqa' mal-Kunsill u b'hekk niddiskutu flimkien u naraw fejn nistgħu nikkoperaw flimkien.

Is-Supretendent beda biex qal li l-priorita tiegħu hija dwar il-kriminalita'. Huwa talab li jekk il-Kunsill ikollu xi nformazzjoni għandu jgħaddiha mill-ewwel lill-Pulizija u b'hekk jittieħdu l-passi meħtieġa skond il-każ li jkun.

Wara s-Supretendent qal li hija x-xewqa tiegħu li l-Għassa tal-Pulizija li tinsab fi Pjazza San Ġwann Battista tiġi rranġata peress li tinsab fi stat ħażin ħafna. Huwa talab l-għajnuna tal-Kunsill biex ikun jista' jsir ix-xogħol meħtieġ. Il-Kunsill qabel li għandna ngħinu mill-aħjar li nistgħu. Ser jinġabru kwotazzjonijiet għax-xogħlijiet li hemm bżonn li jsiru filwaqt li nibgħatu lill-ħaddiema tal-IPSL biex jagħmlu xogħol ta' brixx, tikħil, tibjid u dak li jkun hemm bżonn. Il-Kunsillier Teddy Mizzi ser jara x'hemm bżonn isir rigward il-membrane biex jekk ikun possibbli x-xogħol isir mill-MSD. Il-Kunsill u s-Supretendent qablu li mmorru naraw flimkien ix-xogħol li hemm bżonn isir u għalhekk ser immorru l-Għassa tal-Pulizija nhar it-Tnejn 30 ta' Marzu.

**<u>4. Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa</u>**
**Mill-Korrispondenza**

i. Rowan Frost informa lis-Sindku (permezz ta' email) li se jsir il-'Commonwealth Yearbook 2009'. Huwa ppropona li l-Kunsill jagħmel reklam f'dan il-ktieb dwar ix-Xewkija. L-istima għal dan ir-reklam hija ta' UK£ 6,000 għal nofs paġna bil-kulur, UK£ 10,000 għal paġna sħiħa bil-kulur u UK£ 16,000 għal żewġ paġni bil-kulur. Is-Sindku qalet li hija kienet ġiet ikkunattjata wkoll permezz tat-telefon dwar din il-proposta. Il-Kunsill iddiskuta dwar dan is-suġġett iżda qabel li l-ispejjeż huma kbar ħafna u għalhekk mhux possibbli għall-Kunsill li jagħmel dan ir-reklam fuq il-'Commonwealth Yearbook 2009'.

ii. Brian Pace mill-Meusac informa lill-Kunsill li l-Konferenza 'Zooming on Sustainability' kienet ġiet aċċettata u ngħatat grant mill-EU. Għalhekk il-Kunsilli li se jipparteċipaw f'din il-konferenza ġew mitluba biex jgħaddu l-informazzjoni meħtieġa kemm tagħhom kif ukoll tal-Kunsilli fejn huma ġemellati. Il-Kunsill qabel li nibgħatu l-informazzjoni li għandhom bżonn.

iii. In-Nutar Charlene Debrincat, Segretarja ta' Gaulitanus Choir, infurmat lill-Kunsill dwar il-possibilta li attivita minn 'Gaulitana: A Festival of Music', issir fix-Xewkija. L-ispiża nvoluta biex issir din l-attivita hija ta' €300. L-attivita tista' ssir fil-Mużew tal-Iskultura fi Knisja Rotunda. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill u għalhekk m'għandhomx isiru spejjeż dwar attivitajiet jew xogħlijiet ħlief dawk li huma funzjonijiet statutorji. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li wara kuntatti li għamlet ma' Mro Colin Attard, li ser ikun imexxi dan il-festival, sar qbil li l-Kunsill ma joħroġx aktar minn €250. Il-Kunsill iddiskuta dwar din l-attivita u qabel li għandha ssir. L-attivita ser issir nhar it-Tlieta 21 ta' April fit-8.00pm.

iv. Il-Kap tal-iskola Primarja Rosa Magro talab l-għajnuna tal-Kunsill biex isir xogħol ta' manutenzjoni fejn hemm il-monument ta' Rosa Magro. Huwa talab biex jitranġaw id-dwal li jdawwal l-istess monument. Il-Kunsill qabel li nitolbu stima tal-ispejjeż involuti u wara jiġi deċiż x'għajnuna għandna nagħtu.

v. Elaine Zammit Haber infurmat lill-Kunsill dwar triq li hija proġettata biex tinfetaħ fi Triq Indipendenza u li tkun tinfed għal Triq Mġarr. Hija qed tipproponi biex it-triq ma tasalx sa Triq Mgarr u b'hekk l-aħħar parti tat-triq il-ġdida tkun tista' tinbena. Hija talbet il-kummenti tal-Kunsill dwar din il-proposta. Il-Kunsill qabel li m'għandux jgħaddi kummenti peress li mhix kompetenza tiegħu li jiddeċiedi dwar kif għandha tinfetaħ triq ġdida. Il-Kunsill iħalli f'idejn l-awtoritajiet kompetenti biex jiddeċiedu kif għandha tinfetaħ it-triq.

vi. Sue Rossi ta' Modelle International talbet lill-Kunsill biex jinnomina żewġ tfajliet mix-Xewkija biex jieħdu sehem f'Gozo Beauties. In-nominazzjonijiet iridu jaslu sas-17 ta' April.

vii. Ray Abela ta' TCTC Ltd talab l-għajnuna finanzjarja tal-Kunsill biex jiġu organizzati korsijiet dwar il-kompjuter. Huwa talab li jingħata €400 biex ikopri parti mill-ispejjeż. Il-Kunsill ma qabilx li jisponsorja dawn il-korsijiet ta' TCTC Ltd.

viii. Id-Direttur Għall-Gvern Lokali nforma lill-Kunsilli dwar l-allokazzjoni finanzjarja tagħhom għas-sena 2009/10. Il-Kunsill tagħna ser jingħata €277,528.

ix. Memo 17/2009 mid-Dipartiment Għall-Gvern Lokali tittratta dwar konferenzi internazzjonali f'Malta. Is-Sindku pproponiet biex il-Kunsill japplika għall-fondi biex tiġi organizzata Konferenza għas-Sindki Nisa. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk is-Sindku se tieħu ħsieb biex tagħmel l-applikazzjoni dwar il-konferenza.

x. L-Av. Chris Cardona f'isem Where's Everybody Ltd talab lill-Kunsill biex iħallas is-somma ta' €137.43. Huma qed jitolbu dan il-ħlas għall-parteċipazzjoni tal-Kunsill fil-programm Ħadd Għalik. Fil-fatt il-Kunsill Lokali tax-Xewkija qatt ma ħa sehem fil-programm Ħadd Għalik u għalhekk dan l-ammont mhux dovut lil Where's Everybody. Il-Kunsill qabel li nirrispondu lill-Av. Cardona u ninfurmawh li dak l-ammont m'huwiex dovut mill-Kunsill.

xi. L-Onor. Chris Said, Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Pubbliku u Informazzjoni nforma lill-Kunsilli Lokali dwar l-iskema tal-ETC fejn persuni li qed jirreġistraw se jingħataw l-opportunita li jaħdmu fuq bażi ta' tletin siegħa fil-ġimgħa mal-Kunsilli Lokali. Għalhekk il-Kunsilli ġew mitluba biex jagħmlu lista ta' ħaddiema li għandhom bżonn magħhom u anke x'xogħol huwa mistenni li jsir minnhom. Il-Kunsill iddiskuta dwar din l-iskema u qabel li nitolbu sitt ħaddiema, tnejn biex jagħmlu xogħol ta' bankini, tnejn biex jagħmlu xogħol bħal manutenzjoni ta' marki u tabelli tat-traffiku u xogħol ieħor, u tnejn oħra biex jagħmlu xogħol klerikali fl-Uffiċċju tal-Kunsill.

*(F'dan il-ħin il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li ma setgħax joqgħod aktar għal din il-laqgħa u għalhekk ħareġ mill-Uffiċċju tal-Kunsill)*

xii. Il-Kunsill irċieva kopji ta' ittri mibgħuta lill-Onor. George Pullicino Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali. L-ittri kienu jittrattaw dwar l-impjant propost għall-inħawi magħrufa bħala tal-Lewż. Fl-ittri li huma ffirmati minn James Vella, Denise Farrugia u Kristina/Louis Agius, ipproponew biex dan l-impjant jinbena f'Tal-Kus ix-Xewkija. Il-Kunsill iddiskuta dwar dawn l-ittri u ma qabilx mal-kontenut tagħhom. Għalhekk il-Kunsill qabel li niktbu ittra lill-Onor. George Pullicino fejn ninfurmawh li l-Kunsill ma jaqbilx li dan l-impjant għandu jsir f'Tal-Kus.

xiii. Il-Kunsill Lokali ta' Sannat bgħatt kopja ta' ittra li kiteb lill-Onor. George Pullicino Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali dwar l-impjant propost għall-inħawi magħrufa bħala tal-Lewż. Il-Kunsill Lokali ta' Sannat qed joġġezzjona li dan l-impjant jinbena f'Tal-Lewż.

xiv. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-applikazzjoni tiegħu dwar l-iskema għall-inizjattivi sportivi ġiet aċċettata u għalhekk is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ser jattendu għal-laqgħa nhar il-Ħamis 2 ta'April fejn ser tingħata aktar informazzjoni.

xv. Is-Sur Kevin Sciberras, Ko-ordinatur Taqsima Kultura, Dipartiment tal-Customer Services, informa lill-Kunsill li se jiġu organizzati attivitajiet bejn it-22 u l-24 ta' Mejju - Lejlet Lapsi, Notte Gozitana 2009. Huwa talab informazzjoni minn għand il-Kunsilli Lokali dwar attivitajiet kulturali li jistgħu jsiru fil-lokalitajiet. Il-Kunsill qabel li kif sar is-sena l-oħra norganizzaw wirjiet ta' Arti. Dawn il-wirjiet jittellgħu mill-artisti Hubert Saliba, Mario Cassar u Paul Falzon. Barra dawn il-wirjiet il-Kunsill qabel ukoll li l-Knijsa Rotunda u l-Mużew tal-Iskultura għandhom jinżammu miftuħa għal ħinijiet itwal mis-soltu u b'hekk ikunu jistgħu jitgawdu aktar mill-viżitaturi.

xvi. Il-Kunsill irċieva diversi kopji ta' Enforcement Notice li l-MEPA qed toħroġ dwar affarijiet li qed ikerhu l-ambjent bħal vetturi u dgħajjes mitluqin f'diversi toroq madwar ir-raħal. Is-Sindku u l-Kunsillier Hubert Saliba pproponew li għandna nitolbu lill-MEPA biex toħroġ Enforcement Notice dwar dgħajjes/vetturi li hemm fl-inħawi tal-Barmil HOS. Il-Kunsill qabel dwar din il-proposta.

## 5. Materja oħra

i. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar laqgħa li kellha ma' Joe Falzon, Manager ta' BOV, liema laqgħa saret fis-7 ta' Frar 2009 fil-fergħa tal-Bank, il-Mosta. F'din il-laqgħa ġiet diskussa l-garanzija bankarja li qed titlob il-MEPA dwar il-permess ta' Ġnien ta' Blinkas. Matul din il-laqgħa sar qbil ukoll biex issir laqgħa mas-Sur Jack Theuma, manager ta' BOV ir-Rabat Għawdex. Din il-laqgħa saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill nhar l-Erbgħa 18 ta' Marzu u preżenti kien hawn ukoll is-Segretarju Eżekuttiv. Waqt din il-laqgħa ġie suġġerit li ssir ipoteka (garanzija) fuq l-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali u fuq l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta dwar din il-proposta u qabel unanimament li biex il-permess imsemmi jkun jista' joħroġ għandu jagħmel garanzija (ipoteka) fuq l-Uffiċċju tal-Kunsill.

ii. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li kienet attendiet għal-laqgħa tal-Kumitat Konġunt dwar Street Lightening. Il-laqgħa saret fil-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ nhar it-Tnejn 9 ta' Marzu. Ġew diskussi diversi problemi li qed jiltaqgħu magħhom il-Kunsilli Lokali. Fost affarijiet oħra ġie deċiż li tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti dwar dan il-kuntratt.

iii. Nhar l-Erbgħa 25 ta' Marzu, is-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv u l-Perit Edward Xerri iltaqgħu ma' David Cassar, Uffiċċjal tal-Mepa biex jiddiskutu dwar il-problemi li hemm biex joħroġ il-permess tal-latrina pubblika fi Triq Ħamrija. Matul din il-laqgħa ġie maqbul li l-latrina pubblika għandha tinbena aktar għal nofs il-playing field u mhux man-naħa tal-bini residenzjali. Għalhekk il-Perit Xerri se jagħmel il-pjanti mill-ġdid u jibgħathom lill-Mepa għall-approvazzjoni. Wara l-Kunsill ikun jista' joħroġ sejħa għall-offerti biex tinbena din il-latrina pubblika.

iv. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li nhar il-Ħamis 26 ta' Marzu saret laqgħa mal-Ispettur Josric Mifsud. Din il-laqgħa mal-Ispettur issir ta' kull xahar ma' rappreżentanti tal-Kunsilli Lokali kollha. Is-Sindku qalet li fost affarijiet oħra ġiet diskussa l-problema ta' parking li qed ikun hemm fi Pjazza San Ġwann Battista. Is-Sindku talbet lill-Ispettur biex meta l-Pulizija jieħdu passi dwar ipparkjar ħażin fil-pjazza, l-ewwel għandhom jingħataw twissijiet u jekk jibqgħu jsiru l-abbużi wara ħmistax jibdew jinħarġu ċ-ċitazzjonijiet. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u b'hekk tissolva din il-problema.

v. Sonia Xerri li toqgħod Triq San Leonard ilmentant dwar periklu tat-traffiku li hemm fl-istess triq fejn toqgħod peress li qed ikun hemm sewqan eċċessiv. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li dwar din il-problema diġa kellem lil Ruben Said tal-ADT li minn naħa tiegħu qallu li f'din it-triq ser isir traffic management ġdid. Il-Kunsill qabel li dan l-ilment jiġi diskuss meta jkollna laqgħa mal-ADT.

vi. Il-hand-driers li kien hemm fil-latrini pubbliċi tal-Pjazza San Ġwann Battista mhux qed jaħdmu u ma jistgħux jitranġaw. Il-Kunsill qabel li nordnaw tnejn ġodda. Is-Sindku ssuġġeriet li nordnaw tnejn oħra biex jiġu nstallati fil-latrina pubblika li hemm fi Ġnien il-Ħaddiem. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u qabel ukoll li dawn għandhom jinxtraw minn għand Reno Rapa Ironmongery. Dwar xogħlijiet oħra ta' manutenzjoni biex isiru fil-latrini pubbliċi, il-Kunsillier Teddy Mizzi se jikkordina mad-Dipartiment għall-Proġetti u Żviluppi.

vii. George Formosa ta' Triq Sansun ilmenta li faċċata tad-dar tiegħu hemm hajt li għandu bżonn manutenzjoni. Dan il-ħajt huwa tal-privat u għalhekk il-Kunsill qabel li x-xogħol irid isir mis-sidien tal-istess post.

viii. Andrew Azzopardi ta' Triq Santa Theodora talab lill-Kunsill biex iwessa' l-bieb li hemm jagħti għal fuq il-ġibjun ta' Triq il-Kbira. B'hekk huwa qal li jkun jista' jipparkja l-karozza fuq il-ġibjun għax m'għandux fejn jipparkja. Il-Kunsill iddiskuta dwar dan l-ilment u ma qabilx ma' din il-proposta peress li l-ġibjun kien ġie rinnovat u huwa post ta' rikreazzjoni u mhux 'parking area'.

ix. Dwar l-ilment li kien sar minn Joseph Muscat biex ir-road hump ta' Triq Gruwa tinżel aktar 'l isfel, il-Kunsill qabel li l-ewwel nistennew li jinbena l-post u wara tittieħed deċiżjoni x'inhu l-aħjar li jsir. Wara tkun tista' titranġa l-bankina wkoll.

x. Il-Kunsill reġa' rċieva diversi lmenti dwar il-ħin tal-ġbir ta' skart. Ġie rrapurtat li fi Triq San Ġwann Battista, il-ġbir qed jibda fis-7.05am meta suppost li jibda fit-8.00am. Il-Kunsill kien kiteb diversi ittri lill-kuntrattur dwar dan u anke iltqajna biex niddiskutu dwar din il-problema. Minkejja li l-kuntrattur KIP Għawdex Ltd dejjem jgħid li se jibda l-ġbir tal-iskart kif indikat mill-Kunsill u anke fl-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt, il-Kunsill xorta għadu jirċievi l-istess ilmenti. Għalhekk il-Kunsill qabel li nibgħatu ittra lill-kuntrattur u navzawh li jekk mhux se jibda jiġbor l-iskart mit-8.00am 'l quddiem, il-Kunsill ser jagħmel użu mid-defaults u jibda inaqqas ammont ta' 5% mill-kont ta' April. Jekk din il-problema tkompli għaddejja l-Kunsill iżid id-defaults u anke jkun kostrett li joħroġ sejħa ġdida għall-offerti dwar dan is-servizz.

xi. Il-Kunsill reġa' rċieva ilmenti dwar Triq tal-Ħorob peress li ntefa' ħafna skart u anke għandha bżonn tiġi livellata. Il-Kunsill qabel li nitolbu stima biex isir dan ix-xogħol u jekk tkun raġjonevoli, nordnaw li jsir ix-xogħol. Joseph Attard se jintalab biex jagħti stima lill-Kunsill dwar dan ix-xogħol.

Il-Laqgħa spiċċat fis-5.45pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn 20 ta' April 2009 fis-1.30pm.

| | |
|---|---|
| Ruben Cassar | Av. Monica Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |